SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

23 ta' April 2009 *

Fil-Kawża C-167/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Hof van Cassatie (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' April 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' April 2008, fil-proċedura

Draka NK Cables Ltd,

AB Sandvik International,

VO Sembodja BV,

Parc Healthcare International Ltd

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

vs

Omnipol Ltd,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President tal-Awla, M. Ilešič, A. Borg Barthet, E. Levits (Relatur) u J.-J. Kasel, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Frar 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Draka NK Cables Ltd, AB Sandvik International, VO Sembodja BV u Parc Healthcare International Ltd, minn P. Lefèbvre, avukat, A. Hansebout, conseil, u C. Ronse, avukat,

— għal Omnipol Ltd, minn H. Geinger, H. Verhulst u R. Portocarero, avukati,

— għall-Gvern Belġjan, minn T. Materne, bħala aġent,

— għall-Gvern Slovakk, minn J. Čorba, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn A.-M. Rouchaud-Joët u R. Troosters, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn numru ta' krediturі tas-Central Bank of Iraq (iktar 'il quddiem is-"CBI"), jiġifieri Draka NK Cables Ltd, stabbilita fil-Finlandja, AB Sandvik International, stabbilita fl-Isvezja, VO Sembodja BV, stabbilita

fil-Pajjiżi l-Baxxi u Parc Healthcare International Ltd, stabbilita fl-Irlanda (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), u kreditriċi oħra tas-CBI, Omnipol Ltd, stabbilita fir-Repubblika Ċeka (iktar 'il quddiem "Omnipol"), dwar deċiżjoni ta' eżekuzzjoni mogħtija mir-rechtbank van eerste aanleg te Brussel (Qorti tal-ewwel istanza ta' Brussell), li tawtorizza l-infurzar ta' sentenza tal-Gerechtshof te Amsterdam tal-11 ta' Diċembru 2003 fir-rigward ta' xi krediti ta' Omnipol fil-konfront tas-CBI.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 L-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi:

"Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni [ta' saħħa eżekuttiva] tista' tkun appellata minn kull parti."

4 Dan ir-Regolament issostitwixxa l-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), kif emendata bil-Konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1978 dwar l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, tal-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ĠU L 304, p. 1 u, għar-rettifika, p. 77), mill-Konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1982 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 388, p. 1), mill-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1989 dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 285, p. 1), u

mill-Konvenzjoni tad-29 ta' Novembru 1996 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isvezja (ĠU 1997, C 15, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell").

5 L-Artikolu 36(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell kien jipprovdi:

"Fil-każ li l-eżekuzzjoni hija awtorizzata, il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni tista' tappella kontra d-deċiżjoni fi żmien xahar min-notifika tagħha."

6 L-Artikolu 40 ta' din il-Konvenzjoni kienet tipprovdi:

"Jekk it-talba tiegħu hija miċħuda, ir-rikorrent jista jappella:

[…]

Il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni għandha tidher quddiem il-qorti tal-appell. […]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

7 L-Artikolu 1166 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan jipprovdi:

"Madankollu, il-krediturijistgħu jeżerċitaw il-jeddijiet u l-azzjonijiet kollha tad-debitur tagħhom, barra minn dawk li huma għal kollox personali."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 Ir-rikorrenti u Omnipol huma kkonċernati minn tqassim ekwu ta' ammonti li jappartjenu lil CBI.

9 L-ammont tal-kreditu ta' Omnipol jikkorrispondi għan-nofs l-ammont totali ta' krediti fil-konfront tas-CBI. Omnipol tibbaża l-kreditu tagħha fuq sentenza tal-Gerechtshof te Amsterdam tal-11 ta' Diċembru 2003.

10 Ir-Rechtbank van eerste aanleg te Brussel awtorizzat l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza bis-saħħa tal-Artikolu 38 *et seq* tar-Regolament Nru 44/2001.

11 Ir-rikorrenti appellaw flimkien minn din l-ordni ta' eżekuzzjoni, permezz tal-"action oblique" (*actio debitor debitoris mei*) fis-sens tal-Artikolu 1166 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan u l-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001, sabiex jostakolaw l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Gerechtshof te Amsterdam.

12 Fl-14 ta' Novembru 2005, ir- rechtbank van eerste aanleg te Brussel iddikjarat l-appell bħala inammissibbli billi ddeċidiet li, minkejja li l-Artikolu 1166 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan jagħti lill-kredituri d-dritt li jeżerċitaw il-jeddijiet u l-azzjonijiet kollha tad-debituri tagħhom, huma ma jistgħux jitqiesu li huma "parti" fis-sens tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001. Fil-fatt, il-proċedura ta' eżekuzzjoni ta' dan ir-regolament tipprevedi sistema kompleta u indipendenti minn rimedji, li l-leġiżlatur nazzjonali ma għandux lok li jikkompleta.

13 Ir-rikorrenti ppreżentaw appell fil-Kassazzjoni minn din id-deċiżjoni. Huma jsostnu li kreditur li permezz tal-"action oblique" jeżerċita d-drittijiet tad-debitur, għandu jitqies li huwa "parti" fis-sens tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament 44/2001, sakemm id-debitur kien parti fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-qorti barranija.

14 Il-Hof van Cassatie kkonstata li, minkejja li bħala rimedju, ir-Regolament Nru 44/2001 għandu l-istess għan tal-Konvenzjoni ta' Brussell, il-kliem tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament jitbiegħed mill-kliem tad-dispożizzjoni analoga li tinsab fl-imsemmija Konvenzjoni.

15 Fil-fatt, l-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Brussell kien jipprevedi li l-parti, li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-kawża prinċipali, setgħet tappella mill-ordni li tawtorizza din l-eżekuzzjoni, filwaqt li l-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jagħti possibbiltà ta' rimedju lill-"kull parti" kontra l-ordni relattiva għat-talba għal dikjarazzjoni ta' titolu eżekuttiv ta' din is-sentenza.

16 Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp fil-kliem tat-test Komunitarju, il-Qorti tal-Appell osservat li ma kienx evidenti fih innifisu li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Brussell mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenza tat-2 ta' Lulju 1985, Deutsche Genossenschaftsbank, 148/84, Ġabra p. 1981) li tgħid li appell mid-dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva jista jiġi ppreżentat biss mill-partijiet tad-deċiżjoni jew tas-sentenza barranija, interpretazzjoni li teskludi kull appell minn terzi mid-deċiżjoni ta' eżekuzzjoni, għandha tibqa' tiġi kkonfermata.

17 Huma f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Hof van Cassatie ddeċieda li jissosspendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Id-debitur li jressaq kawża f'isem u fl-interess tad-debitur tiegħu, għandu jiġi kkunsidrat bħala 'parti' fis-sens tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001, jiġifieri parti li tista' tippreżenta appell minn deċiżjoni li tingħata fuq talba għal dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva, anki jekk ma jkunx intervjena formalment bħala parti fil-proċeduri li fihom kreditur ieħor ta' dan id-debitur ikun talab għal din id-dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva?"

Fuq id-domanda preliminari

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-Qorti tal-Appell tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001 għandux jiġi interpretat fis-sens li kreditur ta' debitur jista' jippreżenta appell kontra deċiżjoni li tingħata fuq talba għal dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva anki jekk ma jkunx intervjena formalment bħala parti fil-proċeduri li fihom kreditur ieħor ta' dan id-debitur ikun talab għal din id-dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva.

19 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, ta' min ifakkar minn naħa li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu, billi jirreferu għas-sistema u għall-għanijiet tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 2006, Reisch Montage, C-103/05, Ġabra p. I-6827, punt 29, u tat-2 ta' Ottubru 2008, Hassett u Doherty, C-372/07, Ġabra p. I-7403, punt 17).

20 Min-naħa l-oħra, sa fejn ir-Regolament Nru 44/2001 issa jissostitwixxi l-Konvenzjoni ta' Brussell, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jikkonċerna l-ewwel dispożizzjonijiet tapplika wkoll għat-tieni, inkwantu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Brussell u dawk tar-Regolament

Nru 44/2001 jistgħu jiġu deskritti bħala ekwivalenti. Barra minn hekk, mill-premessa 19 jirriżulta li l-kontinwità bejn il-Konvenzjoni ta' Brussell u l-imsemmi regolament, għandha tiġi żgurata.

21 F'dan ir-rigward, il-qorti nazzjonali tikkonstata li l-kliem tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jitbiegħed minn dak tal-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

22 Madankollu, analiżi tas-sistema stabbilita mill-Konvenzjoni ta' Brussell imqabbla ma' dik stabbilita bir-Regolament Nru 44/2001 turi li l-kliem tal-Artikolu 43(1) ta' dan ir-regolament ma għandux jiġi pparagunat ma' dak tal-Artikolu 36(1) ta' din il-Konvenzjoni, iżda ma' dak tal-qari konġunt tal-Artikoli 36 u 40 tal-imsemmija Konvenzjoni.

23 Fil-fatt, jirriżulta mill-Artikolu 36(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell minn naħa, u mill-Artikolu 40(1) ta' din il-Konvenzjoni min-naħa l-oħra, li kemm il-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni, kif ukoll ir-rikorrenti jistgħu jappellaw fil-każ li t-talba tagħhom tiġi miċħuda. Għaldaqstant, il-qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet juri li kull parti tal-proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' eżekuzzjoni għandha l-possibbiltà li tappella mid-deċiżjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva, li huwa ekwivalenti għall-kontenut tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li jgħaqqad b'hekk iż-żewġ dispożizzjonijiet distinti tal-Konvenzjoni ta' Brussell.

24 Minn dan jirriżulta li l-emenda fil-formulazzjoni tal-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 44/2001, meta mqabbla mal-Konvenzjoni ta' Brussell, ma tinvolvi l-ebda tibdil bażiku, u ma timplikax li l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-artikoli tal-Konvenzjoni ta' Brussell li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni ta' sentenza, ma tistax tiġi applikata għall-artikoli korrispondenti tar-Regolament Nru 44/2001.

25 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet qabel kollox li l-prinċipju ta' ċertezza legali fis-sistema Komunitarja kif ukoll l-għanijiet tal-Konvenzjoni ta' Brussell bis-saħħa tal-Artikolu 220 KE, li fuqu hija bbażata, jeżiġu applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha, tal-kunċetti legali u klassifikazzjoni legali żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' din il-Konvenzjoni (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 1977, Bavaria Fluggesellschaft, 9/77 u 10/77, Ġabra p. 1517, punt 4 u tal-11 ta' Awwissu 1995, SISRO, C-432/93, Ġabra p. I-2269, punt 39).

26 Sussegwentement, hija ppreċiżat li l-għan prinċipali tal-Konvenzjoni ta' Brussell huwa li tissimplifika l-proċeduri fl-Istati fejn l-eżekuzzjoni hija mfittxija, billi tipprevedi proċedura ta' eżekuzzjoni pjuttost sommarja, sempliċi u mgħaġġla, filwaqt li xorta waħda tagħti lill-parti li kontra tagħha tkun imfittxija l-eżekuzzjoni l-possibbiltà ta appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Ġunju 1994, Solo Kleinmotoren, C-414/92, Ġabra p. I-2237, punt 20, u tas-17 ta' Ġunju 1999, Unibank, C-260/97, Ġabra p. I-3715, punt 14).

27 Din il-proċedura tikkostitwixxi sistema awtonoma u kompleta, indipendenti mis-sistemi legali tal-Istati Kontraenti, inklużi fil-qasam tar-rimedji disponibbli (ara s-sentenza Deutsche Genossenschaftsbank, iċċitata iktar 'il fuq, punti 16 u 17). Ir-regoli relatati magħha, għandhom jiġu interpretati b'mod strett (ara s-sentenza SISRO, iċċitata iktar 'il fuq, punti 35 u 39). Min dan jirriżulta li l-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni ta' Brussell jeskludi r-rimedji li l-liġi nazzjonali tipprovdi għal terzi fir-rigward ta' ordni ta' infurzar (ara s-sentenzi Deutsche Genossenschaftsbank, iċċitata iktar 'il fuq, punt 17, u tal-21 ta' April 1993, Sonntag, C-172/91, Ġabra p. I-1963, punt 33).

28 Il-portata tad-dritt mogħti mill-Artikolu 1166 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan lir-rikorrenti, li l-Gvern Belġjan ippreċiża fis-seduta li ma jistgħux jiġu assimilati mad-debitur, hija, konsegwentement, mingħajr rilevanza.

29 Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fid-dawl tal-fatt li l-Konvenzjoni ta' Brussell sempliċement tirregola l-proċedura ta' ordni ta' infurzar għal dawk it-titoli eżekuttivi mogħtija minn qorti barranija, u l-fatt li hija ma tirrigwardax l-eżekuz-

zjonijiet effettivi li jaqgħu taħt il-liġi nazzjonali tal-Qorti li quddiemha tkun tressqet il-kawża (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Frar 1988, Hoffmann, 145/86, Ġabra p. 645, punt 27), partijiet terzi jistgħu jikkontestaw miżuri eżekuttivi permezz ta' rimedji pprovduti lilhom mil-liġi tal-Istat fejn jitwettaq l-infurzar (ara s-sentenza Deutsche Genossenschaftsbank, iċċitata iktar 'il fuq, punt 18).

30 Dawn il-kostatazzjonijiet jistgħu japplikaw bl-istess mod fir-rigward tar-Regolament Nru 44/2001. Dawn huma kkonfermati mill-premessa 18 ta' dan ir-regolament, li tirreferi għar-rimedji pprovduti kontra d-dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva. Fil-fatt, skont din il-premessa, tali possibbiltà tingħata b'mod espliċitu biss lir-rikorrenti u lill-konvenuti.

31 Minn dak li ntqal qabel, jirriżulta li l-Artikolu 43(1) tar-Regolament 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li kreditur ta' debitur ma jistax jippreżenta appell kontra deċiżjoni fuq talba għal dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva jekk ma jkunx intervjena formalment bħala parti fil-proċeduri li fihom kreditur ieħor ta' dan id-debitur ikun talab għal din id-dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva.

Fuq l-ispejjeż

32 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 43(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li kreditur ta' debitur ma jistax jippreżenta appell kontra deċiżjoni fuq talba għal dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva jekk ma jkunx intervjena formalment bħala parti fil-proċeduri li fihom kreditur ieħor ta' dan id-debitur ikun talab għal din id-dikjarazzjoni ta' saħħa eżekuttiva.

Firem